# L-INKWADRU TITULARI TA' SAN NIKOLA



Meta fl-1672 il-kappillan tas-Siġġiewi, Dun Dumink Farrugia, beda jiġbor il-flus għall-bini tal-knisja l-ġdida, daħal għal biċċa xogħol iebsa tassew. Kien żmien ta' tqanċiċ. Ftit kienu dawk li setgħu joffru xi ħaġa, meta l-but għalkemm fond ikun tista' tgħid vojt. Imma naħseb li hu magħġun fil-karattru tagħna s-Siġġiewin li meta nindunaw li qed nagħmlu s-sewwa, aktar nissieltu biex is-sewwa jitwettaq. U tassew hekk ġara għax missirijietna taħt it-tmexxija ta' Dun Dumink mhux biss ħasbu biex waqqfu monument hekk sabiħ, iżda qabel ma dan kien lest huma kienu diġà sabu mezz biex iżejnuh b'inkwadru titulari ġdid, xogħol ta' l-aqwa pittur li l-Kavallieri ta' San Ġwann irnexxielhom iħajru lejn gżiritna f'dak iż-żmien — Mattia Preti.

Mill-viżti pastorali nafu li sa l-1679 fl-inkwadru titulari tal-knisja l-qadima kienet tidher fin-nofs ix-xbiha tal-Madonna bil-Bambin, San Nikola fuq in-naħa tal-lemin u San Pawl fuq ix-xellug. Iżda l-knisja l-qadima kienet diġà tinsab fi stat ħażin, tant li kellha xi bibien ma jingħalqux, is-saqaf kien beda jħoss, u ċ-ċangaturi ta' l-art maqlugħin. Għalhekk kif tlestew in-navata tan-nofs u l-artal maġġur, fl-1682 ittella' s-Sagrament fil-knisja l-ġdida. Aktarx mela li l-inkwadru titulari preżenti sar f'dan iż-żmien. Infatti fil-viżta pas-

torali ta' l-isqof Coccopalmieri fl-1686 insibu li l-pittura ta' Preti kienet diġà tqiegħdet wara l-artal maġġur, mal-ħajt bejn il-pilastri talkor minħabba li s-sagristija u l-kor kienu għadhom qed jinbnew. Ħallas għalih il-kavallier Giovanni Fiol, kmandant tal-Milizja fis-Siġġiewi f'dawk is-snin.

L-inkwadru juri fil-parti ta' fuq lil San Nikola mleffef fis-sħab, ħarstu 'l fuq waqt li qed jaqbad minn xagħru lit-tfajjel Bażilju; in-naħa ta' idu x-xellugija hemm anġlu jħares lejh, u fil-parti ta' isfel jidhru s-sinjur Tork jew il-Gran Viżier u l-mistednin u l-qaddejja tiegħu li minn issa 'l quddiem insejħulhom kommensali. Il-pittura hija ta' stil barokk, tipika ta' Mattia Preti tas-snin 1675 - 85 fis-sens li fl-inkwadru naraw xi figuri jew xeni li nsibuhom ukoll f'inkawdri oħrajn li Preti ħadem qabel, fil-waqt li l-figuri fuq it-tila jidhru mifruxin fuq strati differenti u f'linji djagonali kif ukoll f'għamla ta' żewġ ċrieki: wieħed taħt, orizzontali, ifformat mill-kommunsali madwar il-mejda, u ieħor wieqaf, aktar fil-għoli ffurmat mill-figura ta' San Nikola, it-tifel u l-anġlu flimkien mal-Viżier u l-mistednin li qegħdin jiftħu jdejhom biex bħalma għidt jiffurmaw dawra tonda doppja.

Għalkemm ma nistgħux ngħidu min kien li għażel is-suġġett tal-pittura, jekk hux il-kappillan jew Fiol li ħallasha jew il-pittur, jibqa' l-fatt li Preti ma setax jadattah b'mod aħjar u aktar effikaċi għall-istil barokk. Infatti l-arti barokka tisħaq l-aktar fuq dwn it-tlitt temi jew motivi:-

1 ix-xalar u l-ħwejjeġ ta' did-dinja m'humiex għajr frugħa
2 il-bniedem ħafna drabi, mgħejun mill-fortuna, jitqarraq u jaħseb li l-qawwa u s-setgħa li għandu hija kollha mertu tiegħu
3 Alla huwa l-għajn ta' kull setgħa għax huwa fuq kollox u fuq kulħadd.

Dawn it tlitt temi tnisslu l-aktar fl-arti reliġjuża, minħabba t-tellieqa bla rażan li l-bniedem kien qabad biex dejjem juri li huwa aqwa minn sieħbu. Iżda l-kittieba u n-nies ta' l-arti riedu jfehmuh li hu ħajja u li għalkemm it-tlellix ta' din id-dinja jidhrilna wisq importanti anzi iprem minn kull ħaġa oħra, dan malajr igħaddi u jtir marriħ. Għalhekk mela fl-inkwadru titulari Preti jurina lill-Viżier ma' sħabu jiċċelebra r-rebħiet tiegħu. Iżda l-festa tħassret għall-għarrieda minħabba qawwa li niżlet mis-sema, qawwa li r-rajjes Tork ħaseb li se jwaqqa' għaż-żuffjett għax ma kienx jemmen fiha, u ħatfitlu lit-tfajjel li malajr għeb qalb is-sħab. Preti anzi jfakkarna li dik il-qawwa sopran-naturali ma tirrispetta l-ebda fruntieri, ma toqgħodx tqis bejn nazzjon u ieħor. Tagħmel biss għażla waħda, bejn dak li hu ta' ġid ta' did-dinja u dak li hu tas-Sema, bejn il-ħolm u r-realtà. Ifli sewwa l-inkwadru titulari biex tara kemm hu mħawwar sewwa b'nies minn kull ġens: Torok sinjuri, Etjopiċi suwed, lsiera nsara madwar il-mejda. Bażilju biss minnies ta' din id-dinja qiegħed f'livell għalih flimkien, anzi 'l fuq, mill-anġlu f'estasi ta' qima lejn il-protettur tiegħu (u tagħna) San Nikola li ndaħal għalih u ħelsu. It-tfajjel Bażilju, mill-ħarsa ta' għajnejh u l-bixra ta' wiċċu kif ukoll mill-ġesti ta' idu l-miftuħa u t-telqa tas-swaba, mill-poża ta' rkopptu, jurina li nqata' mill-għagħa u t-taqtiegħ il-qalb taddinja biex jingħaqad ma' qawwa li timla b'ferħ veru l-qlub li ma jqiegħdux it-tama tagħhom fil-festi vani, fl-ikel, fis-setgħa jew fil-flus. Bażilju, għalkemm maqbud minn xagħru u mgħolli 'l fuq, jidher li mhux iħoss uġiegħ, mhux beżgħan bħall-kommensali għax l-hena li ġejja mis-Sema tisboq kull ferħ li taf tagħti d-dinja.

Bħalma għidna, l-frugħa u t-tlellix ta' din id-dinja jgħaddu bħal leħħa ta' berqa u l-pittur jinsisti li n-nisrani għandu jżomm quddiem għajnejh li l-bniedem jista' jkun għani, jista' jkun qawwi, iżda, fl-aħħar mill-aħħar, jum il-ħlas għal kulħadd jasal meta l-inqas li tistennih. Li l-viżier kien iħobb il-frugħa jidher mill-ikla li hejja għalih u għal sħabu, li kien setgħani jixhdu l-ilbies li jiddistingwih mill-oħrajn. Kemm kien għani nifhmuh mill-buqar tal-fidda ta' jdejn Bażilju u l-platti vojta, weqfin fir-rokna ta' isfel ta' l-inkwadru, kif ukoll mil-lemħa fuq fuq li l-pittur jagħtina tal-palazz — minnu naraw biss il-kolonni

# IL-KWADRU TAT-TITULAR

*(Jaqbad minn paġna 43)*

mmensi. Għax Preti għex fi żmien meta l-bniedem kien jogħxa fl-illużjoni: dak li ma jeżistix għajr fil-moħħ u l-ħolm, il-bniedem kien jirnexxilu jagħtih dehra ta' realtà bit-tiżjin u l-pjaċir li kien jnessuh l-għan li għalih Alla ħalqu, u li hemm Ħaddieħor aktar setgħani minnu. Il-pittur irid ifihemna mela li kull ġid u setgħa ġejjin minn Alla: għalhekk Bażilju jidher iġorr il-buqar waqt li San Nikola qiegħed jeħilsu mill-jasar.

Kien żmien meta mhux is-sinjur biss, iżda l-fqir ukoll kienu jsibu l-għaxqa tagħhom f'il-lużjonijiet ta' dix-xorta. Infatti nkwadri bħal dan kienu milqugħin tajjeb ħafna minn kulħadd. In-nisrani f'dawk is-snin kien iqis il-ħajja bħala ġlieda ma taqta' xejn kontra l-qawwa tal-ħażen, ġlieda li jeħtiġilna nagħmlu ħilitna tul ħajjitna kollha jekk irridu noħorġu rebbiħin. Mela l-poplu jibqa' jgħix fit-tbaħrid u fid-dlam jekk ma jħallix il-Knisja tmexxih hi lejn it-triq tal-fidwa. Li l-bniedem ikun iggwidat minn xi setgħa oħra mhux biżżejjed. Jekk niflu sewwa l-inkwadru naraw żewġ qaddejja suwed: immexxijin mill-awtorità tal-Viżier dawn jibqgħu dejjem ilsiera ta' twemmin li ma jwassalhom imkien jew jiġrilhom bħar-raġel bit-turbant li jidher fl-isfond miexi għal rasu: mitluf donnu ma jafx fejn sejjer, iħalli l-ħajja tkaxkru. Għalhekk San Nikola, l-anġlu, Bażilju u l-ilsir nisrani l-ieħor qegħdin jirċievu d-dawl li jagħżilhom mill-oħrajn. L-ewwel tlieta, fl-inkwadru huma maqtugħin fuq pjan għalihom għax fit-taqtigħa bejn it-tajjeb u l-ħażin huma għarfu jimxu fit-triq tas-sewwa.

Is-setgħa tal-bnedmin hija rappreżentata mill-Viżier, fil-waqt li dik reliġjuża narawha fis-simbolu tal-baklu. L-anġlu jgħaqqad liż-żewġ poteri flimkien, infatti hu l-unika figura li qiegħed preżenti fit-tnejn, kemm ta' did-dinja kif ukoll tas-sema.

Wieħed mill-elementi li l-aktar jolqtu l-għajn fil-pittura ta' Preti, kif ukoll fil-barokk kollu hu l-moviment. Il-kommensali u l-figuri fil-parti ta' isfel ta' l-ingwadru huma mifruxin ma' kullimkien. Qiegħdin jiċċaqilqu fid-direzzjonijiet kollha: il-Viżier u l-mistednin tiegħu, kif ukoll il-qaddej nisrani bil-kmiem imxammrin qiegħdin jew iċaqilqu rashom, b'idejhom miftuħin beraħ jew ixejru xi oġġetti li qiegħdin iżommu. Dan il-moviment igħib ftit ftit fl-isfond ta' l-inkwadru. Iżda fuq kollox Preti qagħad attent li josserva l-ordinament ġerarkiku: fin-nofs qiegħed lill-Viżier li hu l-persunaġġ l-aktar importanti fil-parti ta' isfel. Wieħed wieħed l-oħrajn jimlew simmetrikament l-irkejjen kollha tat-tila sa ma jtellgħuk bil-ħarsa tiegħek sal-figura ġganteska ta' San Nikola. Fir-rokna n-naħa tax-xellug l-ilsir nisrani jibbilanċja bil-mossi tiegħu dawk ta' l-anġlu. Infatti t-tnejn wiċċhom imdawwal, filwaqt li jdejhom huma fuq linji paralleli, tal-wieħed lejn ta' l-ieħor; it-tnejn qiegħdin iżommu gabarre', it-tnejn b'dirgħajhom għera, wieħed għax bil-kmiem imxammrin, u l-anġlu għax idejh mgħollijin 'il fuq. B'hekk Preti jagħti xejra aktar drammatika lid-dehra ta' San Nikola fost il-misilmin fil-waqt li jgħolli wkoll il-kobor tal-miraklu.

Għalkemm il-barrani li jżur għiritna aktarx li mill-pittura kollha ta' Preti ma jitgħaxxaqx għajr bis-saqaf ta' San Ġwann, b'danakollu s-Siġġiewi jista' jiftaħar li għandu wieħed mill-kapulavuri tal-wirt artistiku ta' pajjiżna.

**N. VASSALLO D.LITT.**

— — — — — — — — —

## DUN ANTON VELLA

*(Ikompli minn paġna 26)*

ħajja saċerdotali tiegħi kien dak inhar li ġejt ordnat Saċerdot, waqt li kont qiegħed nirrepeti ma' l-Eċċ. Tiegħu Mgr. Arċisqof, il-kelmiet tal-KONSAGRAZZJONI. "Dan hu Ġismi" — "Dan hu Demmi". Dak il-ħin ħassejt li l-Omnipotenza ta' Alla tat is-setgħa kbira tagħha lil ilsieni biex jiġġedded il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni.

*(Ikompli f'ħarġa oħra)*